**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Dicembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 948/2017 AF**

**Emmanuel Sammut**

**vs**

**Catherine sive Katie armla ta' John Farrugia personalment u kif ukoll bhala l-unika eredi tal-mejjet zewgha John Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Emmanuel Sammut li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent Emmanuel Sammut kien silef lil John Farrugia, ir-ragel tal-intimata li miet fis-6 ta' Ottubru 2015, diversi somom ta' flus ghal sena, bl-imghax, u f'dan f'erba' okkazjonijiet, u kull darba permezz ta' skrittura privata.

Dan is-self, li kellu kull darba jithallas wara sena, kien jammonta komplessivament ghas-somma ta' sitta u hamsin elf

tmien mija u erba’ u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€56,824.50), bl-imghax, u dan kif gej:

i) Permezz ta’ skrittura privata tal-4 ta’ Novembru 2014, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dok. “A”, l-ammont ta’ hdax-il elf ewro (€11,000) ghal sena versu l-imghax ta’ sitta fil-mija fis-sena (6% p.a.).

ii) Permezz ta’ skrittura privata tal-24 ta’ Jannar 2015, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dok. “B”, l-ammont ta’ sittax-il elf, mitejn u erba’ u erbghin ewro u hamsin centezmu (€16,244.50) ghal sena versu l-imghax ta’ sitta fil-mija fis-sena (6% p.a.).

iii) Permezz ta’ skrittura privata tal-1 ta’ Marzu 2015, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dok. “C”, l-ammont ta’ sittax-il elf tmien mija u erbghin ewro (€16,840) ghal sena versu l-imghax ta’ sitta fil-mija fis-sena (6% p.a.).

iv) Permezz ta’ skrittura privata tal-10 ta’ Lulju 2015, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dok. “D”, l-ammont ta’ tnax-il elf seba’ mija u erbghin ewro (€12,740) ghal sena versu l-imghax ta’ hamsa u nofs fil-mija fis-sena (5.5% p.a.).

L-imsemmi John Farrugia miet fis-6 ta’ Ottubru 2015 u ghalkemm l-ammonti hawn fuq imsemmija huma kollha dovuti flimkien mal-imghaxijiet relattivi u ghalkemm l-intimata, li mhux biss hi l-armla ta’ John Farrugia izda wkoll l-unika eredi tieghu, giet interpellata kemm verbalment u kif ukoll ufficjalment biex thallas dak dovut lir-rikorrenti, u ghalkemm din irrikonoxxiet li ghandha thallas lir-rikorrent skond kif stipulat fl-iskritturi privati hawn fuq imsemmija, din baqghet inadempjenti.

Sat-12 ta’ Lulju 2017, meta r-rikorrent ipprezenta erba’ ittri ufficcjali kontra l-intimata, u cioè tnejn fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili u tnejn fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), ir-rikorrent kellu jiehu minghand l-intimata l-ammont komplessiv ta’ erba’ u sittin elf seba’ mija u hamsa u disghin ewro u hamsin centezmu

(€64,795.50) u dan in kwantu ghas-somma ta’ €56,824 f’kapital misluf u inkwantu ghas-somma ta’ €7971 f’imghaxijiet.

Dan l-ammont kollu huwa cert, likwidu u dovut u l-intimata m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talbiet tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jiddikjara li jaf b’dawn il-fatti personalment u qieghed ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u skond l-esigenzi tal-artikoli 167 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) ukoll jipprezenta flimkien ma’ dan ir-rikors guramentat affidavit li qed jigi mmarkat bhala Dokument “E”.

Ghalkemm l-intimata giet debitament interpellata kemm verbalment u kif ukoll ufficcjalment sabiex thallas lir-rikorrent il-kapital hawn fuq indikat u kif ukoll l-imghaxijiet relattivi skond kif jirrizulta mill-iskritturi privati Dok. “A” sa Dok. “D” annessi ma’ dan ir-rikors guramentat u ghalkemm l-intimata rrikonoxxiet li kellha thallas lura l-kapital u l-imghaxijiet relattivi kif hawn fuq imsemmi din baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Tiddikjara li l-intimata hi responsabbli ghall-hlas tal-ammont kumplessiv ta’ erba’ u sittin elf seba’ mija u hamsa u disghin ewro u hamsin centezmu (€64,795.50) u dan in kwantu ghas-somma ta’ €56,824 f’kapital misluf ghal sena u inkwantu ghas-somma ta’ €7971 f’imghaxijiet sat-12 ta’ Lulju 2017 u cioè sad-data tal-erba’ ittri ufficcjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta’ €64,795.50 mit-13 ta’ Lulju 2017 sal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lill-istess intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont kumplessiv ta’ erba’ u sittin elf seba’ mija u hamsa u disghin ewro u hamsin centezmu (€64,795.50) u

dan in kwantu ghas-somma ta’ €56,824 f’kapital misluf u inkwantu ghas-somma ta’ €7971 f’imghaxijiet sat-12 ta’ Lulju 2017 u cioè sad-data tal-erba’ ittri ufficcjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta’ €64,795.50 mit-13 ta’ Lulju 2017 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficcjali tat-12 ta’ Lulju 2017 fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili u taz-zewg ittri ufficcjali tat-12 ta’ Lulju 2017 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-mandat ta’ sekwestru nru. 1494/17, kontra l-intimata, li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li giet debitament notifikata, l-intimata Catherine sive Katie Farrugia baqghet ma deheritx biex twiegeb ghall-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara li l-intimata hi responsabbli ghall-hlas tal-ammont kumplessiv ta’ erba’ u sittin elf seba’ mija u hamsa u disghin ewro u hamsin centezmu (€64,795.50) u dan in kwantu ghas-somma ta’ €56,824 f’kapital misluf ghal sena u inkwantu ghas-somma ta’ €7971 f’imghaxijiet sat-12 ta’ Lulju 2017 u cioè sad-data tal-erba’ ittri ufficcjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta’ €64,795.50 mit-13 ta’ Lulju 2017 sal-pagament effettiv.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-istess intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont kumplessiv ta’ erba’ u sittin elf seba’ mija u hamsa u disghin ewro u hamsin centezmu (€64,795.50) u dan in kwantu ghas-somma ta’ €56,824 f’kapital misluf u inkwantu ghas-somma ta’ €7971 f’imghaxijiet sat-12 ta’ Lulju 2017 u cioè sad-data tal-erba’ ittri ufficcjali hawn fuq imsemmija u dan flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-ammont ta’

€64,795.50 mit-13 ta' Lulju 2017 sal-pagament effettiv, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Catherine sive Katie Farrugia.

IMHALLEF

DEP/REG